**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**
**vs**
**Warren Abraham Scicluna**

**Distrett Rabat**

**Illum 11 ta' Settembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Warren Abraham Scicluna ID 382369M.

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Marzu, 2018 ghal habta tal-11:00 hrs gewwa residenza 35, Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta:

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jghamel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jipretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew ezegwixxa xi obbligazzjoni tkun li tkun fixkel lil Melanie Scicluna fil-pussess ta' hwejjigha b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor. (Kap 9 sec 85(1).

Il-Qorti hi mitluba biex ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jghamel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew skond ic-cirkostanzi li jikkonforma ruhu mal-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda f'ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti u dan skont Art. 377(3) u 377(5) tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Art 533 tal-Kap 9(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè affidavit ta' PS 125 Malcolm Mifsud, current incident report datat 31 ta' Marzu, 2018, kopja legali tal-akkwist, sett ritratti, screenshot u 2 ritratti tas-serratura, current incident report datat 31 ta' Marzu, 2018 immarkat bhala Dok WJG1, letting agreement immarkat bhala Dok MB1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Melanie Scicluna, Nazzareno Formosa, PC 1049 William Joseph Grech, David Glenn Simpson.

**PS 125 Malcolm Mifsud,** jispjega li fil-31 ta' Marzu, 2018, Melanie Scicluna marret tirraporta li meta marret gewwa l-fond li kellha mal-ex ragel taghha Warren Scicluna, sabet serratura ohra mizjuda mal-bieb. Hija nfurmat lill-pulizija li kien ghad kellha xi affarijiet personali gewwa l-fond, fosthom l-uniformi tal-pulizija, izda ma kellhiex access tidhol gol-fond. Warren Abraham Scicluna gie kkuntattjat mill-pulizija u ntalab jinzel l-Ghassa, izda Warren irrifjuta li jinzel u qal li ma kienx ser jaghti access tal-fond lil Melanie Scicluna qabel ma tirritorna xi affarijiet li hadet, u tibda thallas il-loan. Jikkonferma li quddiem il-medjatrici, Melanie Scicluna kienet stqarret li kienet hadet l-affarijiet kollha taghha inkluz l-uniformi tal-pulizija.

**Melanie Scicluna,** tispjega illi l-fond 35, Republic Street, Rabat huwa taghha u tal-ex-ragel taghha stante li kienet id-dar matrimonjali taghhom. Stante li Melanie Scicluna u r-ragel taghha qed jisseparaw, ftehmu li jbieghu d-dar u mir-rikavat jiehdu sehmhom. Fil-31 ta' Marzu, ghal habta tal-11:30 a.m. hija marret f'dan il-fond u meta ppruvat tiftah, sabet li s-serratura kienet inbidlet u ma setghetx tidhol. Hija marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Fit-2 t'April, missier Melanie Scicluna ra t-twieqi ta' dan il-fond miftuhin u meta mar ihabbat, sab xi nies gol-proprjeta'. Melanie marret tirraporta l-Ghassa u PC 1049 akkumpanjaha f'dan il-fond u meta habtu l-bieb, fethet mara li ghajtet lir-ragel taghha li kien certu David Glenn Simpson u huwa barrani. Dan ir-ragel informa lill-Melanie fil-prezenza tal-pulizija, illi hu kien kera dak il-fond ghal disa' mitt ewro (€900) ghal sentejn minghand agenzija. Melanie nfurmatu li peress li l-fond kien taghha u tal-ex-ragel taghha, hi ma tat l-ebda permess sabiex dan il-fond jinkera u sahansitra kien ghad kellha xi affarijiet personali taghha gewwa l-fond, bhal l-uniformi tal-pulizija. Tispjega li fis-26 t'April, hija sabet li l-post kien riklamat fuq facebook sabiex jinkera, meta hi ma tat l-ebda permess sabiex isir dan. Fl-istess gurnata, hi u tqalleb fil-pagna tal-Maltapark, sabet li David Glenn Simpson kien qieghed ibiegh xi oggetti mid-dar.

**Nazzareno Formosa**, jispjega li hu jigi missier Melanie Scicluna. Jispjega li fit-2 t'April, 2018 hu kien ghaddej minn quddiem id-dar tat-tifla tieghu u ra t-twieqi tal-fond miftuhin, il-bieb kien mizbugh u kien hemm serratura ohra. Huwa habbat il-bieb biex jara min kien xtara l-post stante li dan il-fond kien f'konvenju. Fethet mara li qaltlu li hi kriet il-fond minghand Warren ghal disa' mitt ewro (€900) fix-xahar, ghal zmien sentejn.

**PC 1049 William Joseph Grech,** jghid li fit-2 t'April, 2018, Melanie Scicluna marret l-Ghassa tar-Rabat tirraporta li kien hemm xi nies qed jghixu gewwa d-dar taghha u li kien ghad kellha xi affarijiet personali gewwa l-istess dar. Huwa ha struzzjonijiet mis-surgent tieghu sabiex jakkumpanja lil Melanie Scicluna fuq il-post u rrizulta li verament kien hemm xi nies qed jghixu gewwa din id-dar, izda ma rrizultax li kien hemm ebda uniformijiet. Meta habtu l-bieb, gie jkellem lil Melanie u lil PC 1049 certu David Glenn Simpson u meta Melanie stasqiet lis-sur Simpson jekk kienx hemm xi uniformijiet taghha, dan wiegeb fin-negattiv.

**David Glenn Simpson**, ikkonferma li fuq il-kuntratt tal-kera kien hemm il-firma tieghu u l-firma tas-sur Scicluna.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz taw il-bidu tieghu meta l-kwerelanta u cioe' Melanie Scicluna kellha bzonn tmur tiehu xi affarijiet mir-residenza taghha fejn meta waslet fuq il-post rat li kienet zdiedet serratura ohra mal-bieb u ghalhekk ma setghetx tidhol gewwa. Ghalkemm hija kienet ghaddejja minn separazzjoni minn mar-ragel taghha u cioe' l-imputat Warren Abraham Scicluna ma kienx hemm ftehim dwar l-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali taghhom. Illi pero saret taf li xi hadd seta' kien qieghed jghix f'din ir-residenza u ghalhekk marret mal-Pulizija fir-residenza fejn fethet mara u hareg ftit wara certu David Simpson. Dan tal-ahhar stqarr li huwa kien iffirma kuntratt sabiex jikri din ir-residenza ghal perijodu ta' sentejn. Illi meta xehed f'dawn il-proceduri u gie esebit kopja tal-kuntratt ikkonferma li kien iffirmah ukoll Warren Scicluna.

**Ikkunsidrat:**
Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jaqra kif gej:

> *Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'*

Illi fil-kawża ***Il-Pulizija vs Eileen Said*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-

> *Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).*

F'sentenza mogħtija mill-Imhallef William Harding fil-kaz ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenza moghtija mill-Imhallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra***, nhar l-20 ta' Gunju 2014 li jirriflettu l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat taht l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jinkludu :-

a) *att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;*
b) *l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;*
c) *ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;*
d) *li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;*

Dawn l-elementi gew adottati f'kull kaz ta' *ragion fattasi* u li biex jikkonfigura ruhu ir-reat ta' *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-erba' elementi. Ghalhekk huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova dawn l-erba' elementi biex tipprova ir-reat migjub kontra l-imputat sabiex jinstab hati.

Illi fil-fatt fil-kaz in ezami iz-zieda tas-serratura tal-bieb ta' barra ma jistax jinghad li giet pruvata mill-provi prodotti min seta' wahhalha. Dan qieghed jinghad li fiz-zmien meta l-kwerelanta marret biex tipprova tiftah il-bieb diga kien hemm jghixu persuni ohrajn fiha. Illi hadd mill-partijiet u lanqas mill-

prosekuzzjoni ma staqsa lil David Simpson jekk kienx hu li wahhal din is-serratura jew le. Illi ghalhekk sa dan il-punt ma jistax jitqies li l-imputat kien hu li zied is-serratura mal-bieb u ghalhekk impedixxa d-dhul f'din ir-residenza. Illi ghalhekk il-Qorti trid tifli fatti u cirkostanzi ohrajn sabiex tara jekk fil-fatt jistax jinkwadra r-reat ta' *raggion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi hareg mill-fatti tal-kaz, ghalkemm l-imputat ghazel li ma jinkontradixxi xejn minn dak li ntqal kemm mill-kwerelanta kif ukoll minn dak li qal David Simpson, li kien hemm kuntratt ta' kirja. Illi dan il-kuntratt ta' kirja kien ghal perijodu ta' sentejn mghoti lil David Simpson fejn gie iffirmat minn naha tal-imputat bhala l-persuna li qieghda tidher bhala s-sid tal-post. Illi ma hemm xejn f'dan il-kuntratt li jindika li anki l-istess kwerelanta kellha xi sehem jew li tat l-kunsens taghha sabiex jinkera. Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi jaghmel hafna sens fis-sentenza hawn fuq kwotata li dan huwa "*…fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali".* Illi ghalhekk li din il-Qorti issa li trid tara jekk fil-fatt dan il-kuntratt ta' kera li gie mghoti lil terzi jaqax taht dak li hemm fl-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala reat kriminali u l-elementi li jaghmlu dan ir-reat gewx pruvati jew le.

Illi fil-kawza ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 taghti spunt fejn intqal li :

> *Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.*

Illi f'dan il-kaz, il-kwerelanta stqarret li hija kienet ilha li telqet minn din ir-residenza kif ukoll l-imputat li mar jghix f'post iehor. Illi ghalhekk ebda parti ma' tilfet id-dritt taghha li tezercita s-semplici pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni. Illi lanqas ma jista' jinghad li l-kwerelanta tilfet id-dritt li tgawdi jew tuza l-propjeta' in kwistjoni. Illi fil-fatt minhabba l-agir tal-imputat li kera l-post minghajr il-kunsens taghha, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-uzu jew tgawdija tal-istess propjeta. Infatti fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas,*** gia kwotata hawn fuq qalet hekk:-

> *....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.*

Il-fattispeci kif ukoll il-punt legali involut f'dan il-kaz huma simili hafna ghal dawk fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Pace** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2000. F'dik il-kawza l-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk dwar il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali:

> *"Ghar-risoluzzjoni ta' dan il-kaz, wiehed irid jara x'inhi ezattament il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali ghal dak li jirrigwarda t-tgawdija taghha mill-konjugi. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala 'ko-pussessuri' tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-pussessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Georgina Gauci*** *li ghaliha ghamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali). Il-konjugi jibqghu hekk ko-*

*pussessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi ghandu jibqa', pendente lite, f'dik id-dar ad eskluzjoni tal-parti l-ohra (Artikolu 46, Kap. 16). Kieku kien mod iehor, cioe` kieku l-parti li thalli d-dar matrimonjali pendente lite titlef id-dritt taghha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'hin trid terga' tidhol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tigi nieqsa incentiva kbira ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-ligi tiffavorixxi r-rikoncjiljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) u 58(1) tal-Kap. 16). Ma huwiex korrett l-appellant meta jikkontendi li ghax martu abbandunat id-dar matrimonjali hi 'ddekadiet mid-dritt ta' l-uzu u l-pussess tad-dar'. Id-dekadenza li tikkommina l-ligi meta parti fiz-zwieg titlaq mid-dar matrimonjali hija fir-rigward tad-dritt ghall-manteniment mill-parti l-ohra, u dana biss kemm-il darba l-parti li tkun telqet mid-dar tirrifjuta minghajr raguni valida li tirritorna lura f'dik id-dar (Artikolu 6, Kap.16). Ghalhekk, meta fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni parti fiz-zwieg thalli d-dar matrimonjali - u salv dejjem sakemm ma jkunx hemm ordni tal-qorti kompetenti skond it-tieni parti tal-Artikolu 46 imsemmi - il-parti l-ohra ma tista' taghmel xejn intiz sabiex jimpediha milli jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali. Veru li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali ma jkollhiex il-pussess 'materjali' tad-dar u tal-oggetti fid-dar, izda jkollha dejjem il-pussess 'legali'. S'intendi, dan ma jfissirx li min jibqa' fid-dar matrimonjali ma jistax jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli sabiex jassigura, per ezempju, li terzi persuni li ma ghandhomx dritt jidhlu fid-dar ma jidhlux. Tali prekawzjonijiet ragjonevoli jistghu jkunu jirrikjedu t-tibdil tac-cavetta tal-bieb ta' barra; pero` jekk isir hekk irid jigi assigurat mill-banda l-ohra li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali jkollha l-possibilita` li tidhol fid-dar x'hin trid, u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar".*

Illi ghalhekk minn din is-sentenza kwotata jidher b'mod car li d-dgawdija tal-pussess legali baqa' kemm fuq il-kwerelanta kif ukoll fuq l-imputat. Illi l-imputat ma setax bl-azzjoni tieghu jikri dan il-post minghajr ma kien hemm il-kunsens taghha wkoll u ghalhekk l-agir tieghu jinkwadra f'dak li hemm fl-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-fatt li l-kirja mghotija lil terza persuna priva mid-dritt taghha li jkollha access ghal din id-dar u dan kif intqal fis-sentenza hawn fuq kwotata li dan id-dritt taghha huwa *tidhol fid-dar x'hin trid, u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar.* Illi wkoll jigi nnutat li jekk skont ma qal l-istess PS 125 Malcolm Mifsud fl-affidavit tieghu li l-imputat ma kienx se jaghtiha access qabel ma tirritorna l-affarijiet tieghu u tibda thallas s-self li hemm fuq id-dar. Illi ghalhekk fuq dan il-punt, l-imputat agixxa minghajr ma ha dawk ir-rimedji li taghtih il-ligi sabiex jindirizza dak li huwa allega billi mexxa l-affarijiet quddiem il-Qrati. Illi l-imputat kien jaf li fil-mument li huwa ffirma l-kuntratt kien jaf li l-propjeta' in kwistjoni hemm l-kwerelanta li ghandha d-dritt fuqha. Illi fil-fatt il-Qorti tal-Appell rriteniet li:

> *"Għall-finijiet tar-reat ta" ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi" (ara appell* ***kriminali Il-Pulizija v. George Zahra -*** *Appell Kriminali Nru: 42/2004, 26 ta' Mejju 2004, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef D. Scicluna). Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta" dak l-oġġett. Taħt l-artiklu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk"* (Deciza nhar is- *16 ta' Lulju 1958- Vol XLII.iv. 1453)*

**Decide:**

Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-Artikolu 85 u l-Artikolu 377 (3) u 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u timmultah

multa ta' tlett mija u hamsin ewro (€ 350). Inoltre tordna taht dak li hemm fl-Artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex fi zmien xahar millum jaghti access lil Melanie Scicluna fid-dar li tinstab gewwa r-Rabat.

Inoltre la darba ma sarx rikors minn naha tal-Prosekuzjoni ghal dak li hemm fl-Artikolu 377 (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tistax tapplikah.

Illi rigward l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma kienx hemm hatra ta' esperti u ghalhekk anki din il-Qorti mhux qieghda tiehu konjizzjoni tieghu.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**